23 ta' Novembru, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Henry Fleri Soler et. *versus* Luigi Hyzler et.

**Liċitazzjoni — Diviżjoni — Komunjoni.**

*Il-liċitazzjoni, bħad-diviżjoni, hija mod ta' ċessazzjoni tal-komunjoni; imma ta' dik il-komunjoni li fil-fatt tkun teżisti għar-rigward*

*ta' fond determinat, u mhux ta' komunjoni li, għal raġuni jew oħra, jintalab li tinħoloq artifiċjalment.*

*Għaldaqstant, meta żewġ fondi huma separati minn xulxin, bi dħul separat, ma hemm ebda raġuni legali biex jiġu akkomunati u mibjugħin in liċitazzjoni flimkien bħala fond wieħed.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-kontendenti jippossjedu fil-proporzjonijiet indikati fid-dikjarazzjoni unita, jew f'kull proporzjon oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, id-dar no. 14 u l-ħanut no. 15, Old Bakery Street, Valletta (ġà Strada Forni) kantuniera ma' St. Mark Street, liema fondi m'humiex diviżibili komodament bla diskapitu bejn il-kontendenti; talbu illi, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi minn dina l-Qorti ordnat il-bejgħ fil-liċitazzjoni tal-fondi 14 u 15 Old Bakery Street, Valletta (ġà Strada Forni), kantuniera ma' St. Mark's Street, Valletta, billi jiġi nominat perit biex jagħmel id-deskrizzjoni u stima tal-fondi fuq indikati; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Ġunju 1953, li biha ddeċediet adeżivament għat-talba ta' l-atturi, billi........ ordnat il-bejgħ b'liċitazzjoni ta' l-istess fondi........ billi kkunsidrat;

Illi l-konvenuti ma jopponux it-talba ta' l-atturi, u hekk tiġi l-konsegwenza..........;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti Luigi Hyzler u Dr. Antonio Galea, u l-petizzjoni tal-konvenut Dottor Galea, fol. 14, li fiha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata in kwantu ordnat il-liċitazzjoni, imma tiġi revokata in kwantu ordnat li dina l-liċitazzjoni ssir separatament għaż-żewġ fondi, u jiġi minflok deċiż li l-liċitazzjoni għandha ssir daqs kieku għal fond wieħed; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, għandu jingħad li r-riljev li hemm fil-petizzjoni, li d-domanda kienet għall-bejgħ fil-liċitazzjoni tal-"fond" nri. 14 u 15, mentri s-sentenza appellata ordnat il-

bejgħ tal-"fondi", ma hux korrett, u hu dovut għall-fatt li fil-kopji dattilografati (inklużi dawk distribwiti lill-Membri tal-Qorti), tħalliet barra l-ittra "i", b'mod li t-talba dehret daqs kieku magħmula għal "fond", mentri, jekk wieħed jara l-oriġinal taċ-ċitazzjoni, isib li t-talba kienet kif ordnata fis-sentenza, għal-liċitazzjoni tal-"fondi". Għalhekk kull argument pretiż bażat fuq dak i-ekwivoku hu bla fondament;

Fil-meritu;

Dawn huma żewġ fondi separati, bi dħul separat, u ma hemm ebda raġuni legali biex jiġu akkomunati u mibjugħa in liċitazzjoni flimkien. Il-liċitazzjoni, bħad-diviżjoni, hi mod ta' ċessazzjoni tal-komunjoni; imma ta' dik il-komunjoni li fil-fatt tkun teżisti għar-rigward ta' fond determinat, u mhux ta' komunjoni li, għal raġuni jew oħra, jintalab li tinħoloq artifiċjalment, kif qed jippretendu l-konvenuti f'dan il-każ. Tant, li seta' jagħti liberament il-każ, "ex hypothesi", li d-dar kienet diviżibili komodament u bla ħsara, u l-ħanut ma kienx, u għalhekk għad-dar ma kienx ikun hemm lok għall-liċitazzjoni, iżda għad-diviżjoni, mentri l-ħanut kien jiġi liċitat. Jekk jiġu akkomunati, din l-indaġini tista' tiġi żvijata, għax tiġi kunsidrata għaż-żewġ fondi bħala fond wieħed, mentri għandha tiġi kunsidrata relativament għal kull fond separatament, għax ta' dak il-fond hemm il-komunjoni li għandha tispiċċa bid-diviżjoni jew inkella, fiċ-ċirkustanzi kongruwi, bil-liċitazzjoni;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-apepll u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant Dottor Galea, ħlief dawk tal-konvenut Hyzler, li jibqgħu fuqu stess. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif provvduti fis-sentenza appellata.